**21 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Nazzareno Catania

*versus*

Michael Degiorgio et.

**Novazzjoni — "Animus Novandi" — Fidejussjoni — Assunzjoni ta' Dejn — Solidarjetà — Art. 1223 (2), 1277(1), u 1132 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex ikun jista' jingħad li kien hemm novazzjoni, irid ikun hemm l-"animus novand"; u l-intenzjoni li ssir in-novazzjoni għandha tidher biċ-ċar, u mhix biżżejjed l-intenzjoni ta' waħda biss mill-partijiet.*

*Huwa veru li mhux meħtieġ li din l-intenzjoni tkun espressa, u li tista' tkun anki taċita, però irid ikun hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volontà tagħhom li jżommu ferma l-obligazzjoni oriġinarja. Jekk mbgħad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bil-fors meħtieġ, huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u tal-espromittent; u fin-nuqqas ikun hemm biss dik li tissejjaħ "ad promissio", jiġifieri żieda ta' debitur ieħor jew ta' garanti. U fil-każ li l-elementi kollha ma jirriżultawx b'mod ċar u univoku, in-novazzjoni ma għandhiex tiġi preżunta.*

*Jekk ikun każ ta' persuna li toffri ruħha li tħallas minflok id-debitur jekk dan ma jħallasx, dik l-offerta ma tammontax għal novazzjoni. Offerta simili tista' toħloq biss fidejussjoni, u mhux assunzjoni ta' dejn b'liberazzjoni tad-debitur prinċipali; u dan apparti l-invalidità ta' dik l-offerta bħala fidejussjoni jekk ma tkunx saret bil-miktub.*

*Jekk żewġ persuni jobligaw ruħhom li jħallsu l-prezz ta' oġġett, billi kull waħda tobliga ruħha li tħallas parti minn dak il-prezz, il-kreditur ma jistgħax jaġixxi għal dak il-prezz, fil-każ li ma jitħallasx, kontra tagħhom it-tnejn solidalment għas-somma kollha. imma għandu jaġixxi kontra kull wieħed m'nnhom għall-parti li jkun obliga ruħu li jħallas. Għax biex ikun hemm is-solidarjetà, din trid tkun ġiet miftiehma espressament, jew trid tkun dikjarata mill-liġi; diversament ma tistgħax tkun preżunta. U f'każ simil ebda wieħed minn dawn il-każi ma jirrikorri.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li ppremetta li l-attur biegħ u kkunsinna lill-konvenuti sett tas-"sitting room" (vulgo "salott") għall-prezz ta' £22, u illi l-istess konvenuti għadhom ma ħallsu xejn mill-prezz, non ostante diversi nterpellazzjonijiet lilhom spediti għal dan l-oġġett mill-attur u l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Lulju 1954; talab li l-konvenuti jiġu kundannati li jħallsu "in solidum" lill-attur is-somma ta' £22 għall-kawżali fuq imsemmija; bil-lukri legali minn notifika ta' dan l-att sal-pagament totali u effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali fuq imsemmija;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur fiċ-ċitazzjoni ppremetta li huwa biegħ u kkunsinna sett tas-"sitting room" lill-konvenuti. Stante n-natura tal-eċċezzjonijiet, jeħtieġ li jiġi stabbilit min hu li ordna u xtara dak is-sett. Mill-provi jidher li s-sett ordnah il-konvenut Dingli, li kellu jħallas il-prezz tiegħu sa £20 u kien destinat għall-konvenut Degiorgio, li obliga ruħu li

jħallas lill-attur £2 peress li ried il-mobbli ftit akbar ..... Kien, del resto, l-istess attur li xehed li kien mar għandu l-konvenut Dingli, u li kien ser jordnalu l-mobbli ta' salott u "jħallsu hu biss" (fol. 27); u li meta Degiorgio riedu akbar, u staqsieh min kien ser iħallas id-differenza, Degiorgio irrisponda li kien ser iħallas hu, u l-attur aċċetta (fol. 27). Konferma ta' dan tinsab ukoll fiċ-ċirkustanza illi kien il-konvenut Dingli li ssospenda lill-attur mix-xogħol tas-sett, u li mbgħad mar qallu li jista' jkompli;

Illi, konsegwentement, is-sett għandu jitħallas kwantu għal £20 mill-konvenut Dingli, u kwantu għal £2 mill-konvenut Degiorgio;

Illi xejn ma jiswa l-fatt li l-attur ikkunsinna s-sett lill-konvenut Degiorgio, sija pure bi protesta tal-konvenut Dingli li hu ma jibqgħax responsabbli tal-prezz; għaliex mill-kumpless tal-provi ma jirriżultax soddisfaċentement li l-attur qatt illibera lil Dingli, debitur tiegħu, minn dik ir-responsabbiltà; u sabiex ikun jista' jingħad li kien hemm novazzjoni, skond il-liġi, irid ikun hemm l-"animus novandi", u l-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar (art. 1223(2) Kod. Ċiv.); u mhix biżżejjed l-intenzjoni ta' waħda biss mill-partijiet (Kollez. XXXVI-I-229). Huwa veru li mhux meħtieġ li din l-intenzjoni tkun espressa, imma tista' tkun anki taċita; irid però jkun hemm kontradizzjoni assoluta, kif jgħid Giorgi, "tra il fatto delle parti e la volontà di mantenere la primitiva obbligazione" (Obbligazioni, Vol. VII, § 373). Jekk, mbgħad, il-kunsens tad-debitur mhuwiex bilfors meħtieġ, huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u tal-espromittent; u fin-nuqqas ikun hemm biss dik li tissejjaħ "adpromissio", jiġifieri żieda ta' debitur ieħor jew ta' garanti (Giorgi, op. ċit., § 372); u fil-każ li l-elementi kollha ma jirriżultawx b'mod ċar u univoku, in-novazzjoni ma għandhiex tiġi preżunta (art. 1223(3) fuq ċitat), u kwindi għandha tiġi eskluża;

Illi skond il-provi prodotti ma jidherx soddisfaċentement li jirrikorru r-rekwiżiti fuq imsemmija. Difatti, jekk anki l-konvenut Dingli, biex ippermetta lill-attur jikkunsinna s-sett lill-konvenut Degiorgio, qallu li ma kienx sejjer iħallsu, l-attur ma qagħadx għal din il-protesta, u rris-

pondieh:— "Int għidt li s-sett tieħdu dejjem" — risposta ftit sibillina, imma żgur mhix tali li turi li ried jillbera ll Dingli mill-obligu tiegħu;

Illi *ma tikkostitwix għall-attur novazzjoni* l-assikurazzjoni tal-konvenut Degiorgio li jħallas il-prezz kollu; għaliex, skond ma xehed l-istess Dingli (fol. 29 tergo), l-offerta kienet li Degiorgio jħallas lill-attur jekk ma jħallsux Dingli, u din tista' toħloq biss fidejussjoni, imma mhux assunzjoni ta' dejn b'liberazzjoni tad-debitur prinċipali (v. P.A. 7. 3. 1957 in re "Xuereb vs. Cremona), apparti l-invalidità tagħha peress li ma saretx bil-miktub (art. 1277(1) Kod. Ċiv.);

Illi, dwar l-ammont tal-prezz, ma hemmx kwistjoni li dan kien ta' £22, li minnu l-konvenut Dingli kellu jħallas £20 u l-bqija kellu jħallashom il-konvenut Degiorgio; dana, però, ma *jwassalx għas-solidarjetà bejn iż-żewġ konvenuti* kif allegata fiċ-ċitazzjoni. Biex ikun hemm solidarjetà, din trid tkun mifthema espressament, jew trid tkun dikjarata mill-liġi; diversament ma tistgħax tkun preżunta (art. 1132 Kod. Ċiv.); u ebda wieħed minn dawn il-każi ma jirriżulta fil-fattispeċje;

Għal *dawn il-motivi*;

Tiddikjara illi bejn il-konvenuti ma hemmx responsabbiltà solidali, imma kull wieħed minnhom jirrispondi għarrasu quddiem l-attur, fill-limiti li sejrin jissemmew; bl-ispejjeż kontra l-attur;

U tilqa' t-talba tal-istess attur, fis-sens li tikkundanna lill-konvenut Dingli jħallaslu s-somma ta' £20, u lill-konvenut Degiorgio s-somma ta' £2; l-ispejjeż bejn il-konvenuti jitħallsu fil-proporzjon tas-sokkombenza rispettiva; b'dan, però, li l-konvenut Degiorgio għandu jsofri mill-ispejjeż minnu nkorsi l-ammont korrispondenti għal dak li kien iħallas kieku l-azzjoni kontra tiegħu nġiebet quddiem il-Qorti Inferjuri, u d-differenza jbatiha l-attur.